MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Avviz Numru. 316/2014

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 2759/2012**

**fl-ismijiet:**

**Matthew Vella**

**vs**

**One Blue Lemon Co Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-Av. Richard Galea Debono bhala stralcjarju appuntat mill-Qorti tas-socjeta’ One Blue Lemon Co. Limited li gie pprezentat nhar il-15 ta’ Settembru 2014 fejn espona:

*“Illi fil-vesti tieghu ta’ stralcjarju tas-socjeta’ rikorrenti, skond digriet tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta’ Jannar 2013 wara r-rikors numru 1053/2012 JZM, huwa qed jipprova jigbor il-krediti li din is-socjeta’ ghandha kontra terzi persuni.*

*Illi fost krediti li qed jipprova jigbor hemm dak li jinsab depozitat b’cedola ta’ depozitu numru 573/2014.*

*Illu huwa gie mpedut milli jizbanka din ic-cedola minhabba l-ezistenza tal-mandat ta’ sekwestru hawn fuq imsemmi.*

*Illi skond l-art. 222 tal-Kap. 386, kull mandat li jkun fis-sehh fil-mument illi ikun beda stralc ta’ socjeta’, b’ordni tal-Qorti, bhal ma huwa l-kaz odjern, huwa null u minghajr effett.*

*Ghal dan il-motiv, qed jintalab illi din l-Onorabbli Qorti tordna t-thassir tal-mandat ilmentat, u tawtorizza lill-esponent jizbanka l-fondi li jinsabu depozitati fic-cedola msemmija.”*

Rat ir-risposta ta' Matthew Vella li gietipprezentata fir-Registru tal-Qorti nhar it-13 ta' Ottubru 2014 fejn eccepixxa s-segwenti:

*"L-esponenti iwiegeb bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex takkolji t-talba tal-istralcarju ghaliex hija wahda legalment infondata.*

*Il-mandat tar-rikorrenti kontra l-kumpanija intimata gie ipprezentat fil-11 ta' Ottubru 2014 u akkordat minn dina l-Onorabbli Qorti fil-15 ta' Ottubru, 2014. Kopja tal-mandat annessa bhala dokument 'A'.*

*Mhuwiex minnu dak illi jghid l-istralcarju fir-rikors tieghu meta jargumenta illi kull mandat li jkun fis-sehh fil-mument illi ikun beda stralc ta' socjeta', b'ordni ta' Qorti... huwa null u minghajr effett.*

*Il-ligi ma tghidx, kif qieghed jghid l-istralcarju, illi kull mandat illi kien in vigore qabel l-istralc ma jibqax in vigore mill-jum tal-avvenut stralc.*

*Il-ligi tghid, testwalment, illi*

*222. <u>Meta kumpanija tkun qed tigi stralcjata mill-qorti</u>, kull att jew mandat, sew kawzjonarju jew ezekuttiv, barra minn mandat ta' inibizzjoni, mahrug jew migjub kontra l-kumpanija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null.*

*Ghalhekk, biex mandat ikun null, irid ikun gie akkordat wara illi tkun bdiet il-procedura ta' stralc, u mhux qabel, peress illi dana jista' jigri biss meta kumpanija tkun qed tigi stralcjata u mhux qabel.*

*Il-procedura ta' stralc inbdiet fit-22 ta' Ottubru, 2012 jum illi fih id-diretturi u azzjonisti tal-kumpanija intimata ipprezentaw ir-rikors ghall-istralc. Din id-data tirrizulta mill-ewwel faccata tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata l-24 ta' Jannar, 2013 li kopja taghha hija annessa bhala dokument 'B'.*

*Ghalhekk huma biss dawk il-mandati li gew akkordati wara tali data (u, cioe', mahruga jew migjuba meta kumpanija tkun qed tigi stralcjata mill-Qorti) illi jisfaw milquta min-nullita'.*

*Ghal tali raguni, il-mandat ta' sekwestru numru 2759/2012 mhuwiex mittiefes u ghandu jibqa' in vigore.*

*Ghalhekk jintalab bir-rispett illi t-talba tal-istralcarju ghandha tincahad.*

*In konkluzjoni, u bla pregudizzju ghas-suespost, jekk il-Qorti jidhrilha illi tassew il-mandat ghandu jitwarrab jew jigi dikjarat null, ghal dana ma ghandu jehel ebda spejjez l-esponenti illi huwa kreditur illi ghadu ma thallas xejn mill-kumpanija intimata, illi kulma ghamel kien illi ezercita dritt moghti lilu mil-ligi, u illi fuq kollox lanqas qatt ma gie nterpellat sabiex jirrevoka tali mandat."*

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-mertu ta' dan ir-rikors fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2014 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Bhala fatti jirrizulta bla kontestazzjoni s-segwenti:

1. Illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2759/2012 fl-ismijiet '**Matthew Vella vs One Blue Lemon Co. Limited'** li dwaru qed jintalab ir-revoka gie pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Ottubru 2012.
2. Illi b'sentenza tal- Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 24 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet '**One Blue Lemon Co. Limited (C35631) vs X**' gie ordnat x-xoljiment u stralc tal-kumpanija One Blue Lemon Company Limited (C 35631) b'effett mill-11 ta' Ottubru 2012 u gie mahtur ir-rikorrent Dr Richard Galea Debono bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha kif inhuma definiti fil-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi l-istess rikorrenti Dr Richard Galea Debono fil-fatt ipprezenta r-rikors odjern fejn qed jitlob it-thassir tal-mandat ilmentat imsemmi aktar 'l fuq u dan sabiex huwa ikun jista' jizbanka l-fondi li jinsabu depozitati fic-cedola numru 573/2014.

**L-artikolu 222 tal-Kap. 386** jghid hekk:

"*Meta kumpannija tkun qed tigi stralcjata mill-Qorti, kull att jew mandat, sew kawzjonarju jew ezekuttiv, barra minn mandat ta' inibizzjoni, mahrug jew migjub kontra l-kumpannija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null*".

L-**artikolu 223 tal-Kap. 386** jghid hekk:

(1) *"Meta jkun sar ordni ta' stralc, il-kumpannija titqies li tkun xolta fil-hin tal-prezentata tar-rikors ghal stralc:*

*Izda meta ordni ghal stralc ikun sar skond l-artikolu 214(2)(b)(iii), il-kumpannija titqies li tkun xolta fid-data li fiha jsir l-ordni ta' stralc*":

Inoltre l-**artikolu 224 (2) tal-Kap. 386** jghid hekk:

"*Meta jkun sar ordni ghal stralc jew ikun inhatar amministratur provvizorju, skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 228**, ma tista' tittiehed ebda azzjoni jew jinbdew xi proceduri kontra l-kumpannija jew il-proprjetà taghha hlief bil-permess tal-qorti u taht dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-qorti*".

Mizjud ma' dan, l-**artikolu 229(2)** jiccara illi:

"*Bis-sahha tal-kariga tieghu ricevitur ufficjali jkun stralcarju kull meta ma jkunx hemm stralcjarju iehor".*

Huwa opportun f'dan ir-rigward li tinghata attenzjoni lejn l**-Artikolu 222 tal-Kapitolu 386** fit-test ingliz li hija t-test ufficcjali fejn jinghad li:

***"****When a company is being wound up by the court, any act or warrant, whether precautionary or executive, other than a warrant of prohibitory injunction, issued*

*or carried into effect against the company after the date of its deemed dissolution, shall be void".*

Illi jidher ghalhekk li bejn dak li hemm miktub bil-Malti u dak miktub bl-Ingliz hemm divergenza jew ahjar iz-zewg testijiet ma jghidux l-istess haga bi precizjoni. Ghaliex filwaqt li fit-test Malti jinghad li filwaqt li kumpanija tkun qed tigi stralcjata mill-Qorti, kull mandat, sew kawzjonarju jew ezekuttiv, mahrug jew migjub kontra l-kumpanija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null, fit-test ingliz hemm li kull mandat sew kawzjonarju jew ezekuttiv mahrug jew pendenti (ghax ghalkemm mahrug ghadu pendenti '*carried into effect'*) ikun null una volta ikun hemm dikjarazzjoni ta' xoljiment.

Irid jinghad illi l-**Artikolu 222** huwa intiz sabiex jassigura li f'certu kazijiet, fost ohrajn, kazijiet ta' insolvenza, jithallsu l-interessi tal-kredituri kollha minghajr ebda preferenza u /jew diskriminazzjoni u dana biex jigi zgurat *par condicio creditorum.*

L-intimat ta' dan ir-rikors fit-trattazzjoni tieghu sostna li una volta l-mandat kien ghadu in vigore bhala mandat ta' sekwestru kawtelatorju meta s-socjeta' rikorrenti giet dikjarata xolta allura dan il-mandat huwa null. Is-socjeta' rikorrenti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament u dan ghaliex issostni li dan l-artikolu japplika biss ghal dawk il-mandati li johorgu u ghalhekk jigu pprezentati wara li s-socjeta' tkun gja giet dikjarata xolta u mhux ghal dawk il-mandati li jkunu gew ipprezentati qabel ix-xoljiment.

Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali tal-intimat u dan ghaliex legalment ma tantx jaghmel sens u dan ghaliex l-iskop ta' nomina ta'

stralcjarju huwa sabiex jigbor il-krediti kollha, jara min huma d-debituri tas-socjeta' u jipprova ihallas lid-debituri skond il-ligi mir-rikavat li jigbor.

L-intenzjoni tal-legislatur huwa sabiex l-istralcjarju ikun f'pozizzjoni ahjar li jhallas id-debituri mill-assi li jkun ghad fadal tas-socjeta' li tkun giet xolta.

Fil-fatt l-**Artikolu 237 tal-Kapitolu 386** jipprovdi li:

*"Meta kumpannija tkun qed tiġi stralċjata mill-qorti, l-istralċjarju jew l-amministratur provviżorju, skont il-każ, għandu jieħu taħt il-kustodja jew il-kontroll tiegħu l-proprjetà kollha u l-jeddijiet kollha li hu jkollu raġuni xierqa jaħseb li l-kumpannija jkollha jedd għalihom".*

M'hemmx dubbju ghalhekk li dak li qed jittenta jaghmel ir-rikorrent billi jigbor il-flejjes depozitati il-Qorti jaqa' taht id-dover tieghu skond dan l-istess pre citat artikolu tal-ligi.

Una volta il-flejjes depozitati permezz ta' cedola ghadhom taht l-Awtorita' tal-Qorti dawn jibqghu proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti tant li fil-fatt id-depozitant fic-cedola jikteb li dawn jistghu jinghataw lis-sekwestratarju una volta jkollu jedd bil-ligi. F'dan il-kaz it-titolu tal-intimat huwa wiehed prekarju f'dan l-istadju ghaliex il-mandat mertu tar-rikors in dezamina huwa wiehed kawtelatorju u ghalhekk f'dan l-istadju l-intimat m'ghandux titolu ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti illum xolta u konsegwentement f'dan l-istadju il-flejjes depozitati il-Qorti, ghalkemm huma sekwestrati permezz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju, xorta ghadhom mhux proprjeta' tal-intimat izda ghadhom tas-socjeta' rikorrenti llum xolta u ghalhekk l-istralcarju ghandu kull

dritt li jizbanka dawn l-istess flejjes in vista ta’ dak li jiddisponi l-**Artikolu 222 tal-Kapitolu 386** u dan bil-ghan li jistghu jigu kunsidrati mal-assi tas-socjeta’ xolta bil-ghan li jigu imhalsa d-debituri skond il-ligi.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad ir-risposta tal-intimat u tilqa’ it-talba rikorrenti b’dan illi tordna l-isbank tal-flejjes depozitati permezz ta’ cedola ta’ depozitu numru 573/2014 a favur ir-rikorrent.**

**Illi stante c-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti tordna li din il-kawza tithalla bla taxxa.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------